**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 009/2021

5 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 9.1 Qari ta' ittri ta' apologija

9.1.1 Ma kienx hemm

### 9.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

9.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 7/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

9.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

9.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

9.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 8/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

9.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

9.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**9.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghamel kuntatt maghha s-Sur Thomas Formosa li kien qieghed jikkontesta decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma hsarat li l-istess sur Formosa kien garrab fuq il-vettura tieghu. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kemm il-darba ma kienx hemm oggezzjoni, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jinvolvi l-kumpanija ta' assikurazzjoni tal-istess Kunsill Lokali bil-ghan illi tittiehed id-decizjoni gusta.

9.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kienet iltaqghet ma' Infrastructure Malta sabiex tiddiskuti x-xoghol fuq ir-restawr ta' mina fi Triq Dahlet it-Tlett Ibliet u progett li l-Kunsill Lokali kellu ghall-istess triq.

9.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' Sindki ohra mir-Regjun Xlokk kienet attendiet attivita' organizzata mill-Ecc. Tieghu, il-President ta' Malta. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi waqt l-istess attivita' gew diskussi numru ta' temi relatati mal-operat tal-Kunsilli Lokali.

9.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process sabiex jinxtraw kotba godda u jsir immodernizzar tal-librerija pubblika li l-Kunsill Lokali kien jamministra fi Triq l-Oratorju.

9.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar is-6 ta' Awissu 2021 kienet ser tkun qieghda tattendi ghal attivita' illi matulha kienet ser tkun qieghda tigi pprezentata l-vizjoni tal-Gvern ghall-Port il-Kbir.

9.3.6 Is-Sindku sahqet sabiex ikun hemm sinergija bejn l-amministrazzjoni u l-membri eletti fil-Kunsill Lokali bl-istess membri eletti jigu mhegga sabiex jimxu mal-proceduri adottati b'mod partikolari fejn kienu jidhlu l-ilmenti. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kemm jista' jkun l-ilmenti tal-Kunsill Lokali ma kellhomx jigu mghoddija direttament lill-kuntratturi izda jigu rregistrati mal-amministrazzjoni.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier James Cauchi (18:04)

9.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Kunsilli Lokali kienu qieghdin jigu mhegga jorganizzaw attivitajiet ta' gbir ta' fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund.

F'dan l-istadju dahal lura ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi (18:06)

**9.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

9.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista l-Kunsill jikkonferma jew le jekk kienx hemm petizzjoni fi Triq l-Oratorju ?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-Kunsill Lokali ircieva petizzjoni nhar il-25 ta' Mejju 2021, liema petizzjoni giet dfiskussa f'seduta numru 5/2021 li nzammet fis-27 ta' Mejju 2021.

9.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jekk kemm x'kien il-kontenut taghha, il-bankina jew il-parking?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-petizzjoni li rcieva l-Kunsill Lokali kienet tikkoncerna numru ta' temi fosthom parkegg, sewqan b'velocita' eccessiva u abbuzi fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill Lokali ghandu informazzjoni li tezisti petizzjoni ohra li tikkoncerna l-bankini, liema petizzjoni ma waslitx ghand il-Kunsill Lokali".

9.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Meta ser titpogga fuq il-mejda tal-kamra biex il-Kunsill ikollu record tal-kontenut tal-petizzjoni?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-petizzjoni li waslet ghand il-Kunsill Lokali diga' tpoggiet fuq il-mejda ghad-diskussjoni. Galadarba, it-tieni petizzjoni ma waslitx ghand il-Kunsill Lokali ma tistax tigi intavolata".

9.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l-Kunsill jinforma x'inhi r-raguni ghax ghadu ma twahhalx ir-ritratt ufficjali tal-Kunsilliera?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : " Ritratt tal-Kunsilliera tat-tmien legislatura flimkien ma' ritratti tas-seba' legislaturi precedenti nkisbu mid-DOI u gew mghoddija lil

kuntrattur sabiex isiru l-frames. Hekk kif ikunu lesti ser ikunu qieghdin jitwahhlu fis-sala tas-seduti”.

9.4.5 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : “Tista’ is-Sindku tinforma l-Kunsill jekk hux ga hemm l-isem ezatt tal-family park li ser issir gewwa Bormla , Jekk le il-Kunsill se jigi kkonsultat?
Is-Sindku wiegbet : “Dwar il-materja diga’ kkkonsultajt mas-Segretarju Parlamentari responsabbli li fehem il-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali u l-isem ser ikun qieghed jirrifletti l-ghan li ghalih ser isir il-family park”.

**9.5 Approvazzjoni ta’ skedi ta’ hlasijiet**

9.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru07/21) ghall-approvazzjoni.

9.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

9.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ petty cash mahrug waqt ix-xahar ta’ Gunju 2021.

9.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**9.6 Mozzjonijiet**

9.6.1 Mozzjoni numru 10/2021 (VIII)
Qed inressaq mozzjoni nru.1 sabiex jinxtraw trays ( measurements diga prezentati ) li jistghu jintuzaw mill feeders taghna, bhala litter trays fuq request ukoll ta whud minnhom li, offrew ukoll li jiehdu hsieb l indafa taghhom.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b’votazzjoni unanima.

9.6.2 Mozzjoni numru 11/2021 (VIII)
Qed inressaq mozzjoni nru 2. sabiex jigi deciz jekk huwiex possibli li naddottaw ahna, wkoll bhal Kunsilli ohrajn, fuq proposta ta whud mill feeders kif ukoll meta qed nistennew li jkollna wkoll servizz ta steward li ninvestu recovery area fil premesis tal Kunsill stess, parti mill art li ghandna wara l Kunsill.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b’votazzjoni unanima.

9.6.3 Mozzjoni numru 12/2021 (VIII)
Qed inressaq mozzjoni sabiex il feeders registrati maghna anke bl uzu tal vettura taghhom, il Kunsill taghna jidhol f tahditit biex ikun jista jibda jirrikonoxxi tali b forma ta avvizz li jkunu jistghu jitpogga mall windscreen mill feeders stess minghajr ma jkunu qed joholqu ebda inkonvinjent jew jiksru l ligijiet tat traffiku, permess temp u disenjat b mod specifiku fid dettal li jista jkun rikonoxxut mill awtoritajiet koncernati sakemm il feeders jieqfu jitimghu jew jintervjenu fuq annimali feruti gewwa l konfini ta beltna. Dan il kuncett jista jigi wkoll varat flimkien mall ibliet konfini ma taghna jew fuq livell regjonali.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Melanie Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b’votazzjoni unanima.

9.6.4 Mozzjoni numru 13/2021 (VIII)
Qed inressaq mozzjoni nru.3 sabiex jigi allokat budget iehor aggunt ma dak ezistenti fuq dry food li qed nipproponi wkoll li anke ahna bhal maggor parti ta kunsilli ohrajn nibdew inqassmu dry food aktar popolari u b kalkolu fi xkejjer fuq perjodu ta sena imqassam skond il bzonn sakemm nistennew ukoll li nkunu nistghu napplikaw ukoll ghal skemi li jista jkun hemm fil futur, budget li jista jibqa jkollna vouchers fuq neutering kif ukoll servizz ta vet ghal incidenza ta korriment fuq annimali gewwa beltna.

Proponent : James Cauchi

Is-Sur James Cauchi ressaq proposta sabiex mill-mozzjoni jitnehha l-kliem “iehor aggunt ma dak ezistenti fuq dry food li qed nipproponi wkoll li anke ahna bhal maggor parti ta kunsilli ohrajn nibdew inqassmu dry food aktar popolari u b kalkolu fi xkejjer fuq perjodu ta sena imqassam skond il bzonn sakemm nistennew ukoll li nkunu nistghu napplikaw ukoll ghal skemi li jista jkun hemm fil futur, budget” wara l-kliem “sabiex jigi “u minfloku jitpogga l-kliem “ ta’ “elf u mitejn ewro”.

L-emenda tas-Sur Cauchi giet issekondata mill-Kunsilliera Noyah Spteri Hammett u kien hemm votazzjoni unanima.

Il-mozzjoni hekk kif emendata giet issekondata mis-Sur Marco Agius u ghaddiet b’votazzjoni ta’ sitt voti favur u astensjoni wahda. Fuq talba tal-Kunsillier Cacuhi gew registrati l-voti li kienu s-segwenti:

Alison Zerafa Civelli – Favur
Marco Agius. – Favur
Noyah Spiteri Hammett – Favur
Johann Scerri – Favur

Martin Vella – Astensjoni
James Cauchi – Favur
Melanie Agius – Favur

9.6.5 Mozzjoni numru 14/2021 (VIII)
Nipproponi li l-Kunsill Lokali jghin fit-tnizzil tac-certifikari tal-Covid 19, wara talba li kelli minn numru ta' residenti

Proponent : Melanie Agius
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.6.6 Mozzjoni numru 15/2021(VIII)
Qed nipproponi li fi Triq Dwardu ssir u channel jew inkella 3 bollards bic-cavetta flok bollard li hemm peress li l-muturi xorta baqghu jidhlu ghal triq San Mikiel u li ssir no parking sign fi Triq San Mikiel

Proponent : Melanie Agius
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.6.7 Mozzjoni numru 16/2021(VIII)
Wara talba li saritli mir-residenti ta' Triq San Mikiel qed nipproponi li fil-bidu ta' Triq San Mikiel fejn hemm tarag ssir xi forma ta' railing fin-nofs tat-tarag fejn l-anzjani jistghu izommu mieghu anke habba l-fatt li tarag kemm bix-xemx kif ukoll fix-xita jizloq hafna u mhux l-ewwel darba li weggghu l-anzjani

Proponent : Melanie Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.6.8 Mozzjoni numru 17/2021(VIII)
Nipproponi li l-Kunsill Lokali jinstalla' hand rail fi Sqaq it-Torri. L-istess hand rail ghandu, fejn possibbli, ikun installat bil-ghan li jiffacilita' l-access ghar-residenti, l-aktar ghall-anzjani.

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.6.9 Mozzjoni numru 18/2021(VIII)
Qed inressaq din il-mozzjoni sabiex:

- Triq Santa Tereza
- Triq Dom Mintoff
- Triq l-Inkoronazzjoni
- Triq ir-Regatta
- Triq il-Gendus

dawn il-hames toroq jigu 90 mins Parking except for residents

Proponent : Johann Scerri
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.6.10 Mozzjoni 19/2021(VIII)
Qijad inressaq mozzjoniu favur il-bdil ta' bollards fi Pjazza Gavino Gulia. Dan ghal raguni li ta' kuljum dawn il-bollards qieghdin jintlaqtu minn vetturi u ghal dan il-ghan qed ikunu ta' periklu u wisq iktar koroh immense.
Ghaldaqstant qed inressaq din il-mozzjoni ghal din il-pjazza bhala progett pilota sabiex aktar il-qudiem issir il-pjazza l-ohra.

Proponent : Johann Scerri
Sekondant : Melanie Agius Attard

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.6.11 Mozzjoni 20/2021(VIII)
Qijad inressaq mozzjoni dwar Triq San Piju X
Ezattament wara l-ghassa ta' Bormla sabiex it-triq imsemmija ma jibqawx jghaddu trakikijiet minnha. Dan ghal raguni li gieli qed jolqtulna l-karozzi u jibqaw ghaddejjin.
Ghalhekk qed nitlob li jsiru zewg tabelli biex it-triq ma tibqax accessibbli ghat-trakkijiet.

Proponent : Johann Scerri
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

**9.7 Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet**

9.7.1 Ma kienx hemm materji x'jigu dikussi.

**9.8 Rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April-Gunju 2021**

9.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Gunju 2021 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispeja c-cifri li kien jinkludi l-istess rapport. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport u ta' rendikont tad-dhul u l-infiq matul il-perjodu koncernat, fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali approva b'vot unanimu ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Gunju 2021 hekk kif imressaq

9.8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport u ta' rendikont tad-dhul u l-infiq matul il-perjodu koncernat u ddiskuta flimkien mal-Kunsilliera mistoqsijiet li sarulu dwar il-materja.

9.8.3 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier James Cauchi, il-Kunsill Lokali, b'vot unanimu approva d-dokument hekk kif imressaq.

*F'dan l-istadju il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett halliet is-seduta (20:02)*

**9.9 Rapporti**

9.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-perit tal-Kunsill Lokali kien hejja l-masterplan ta' gnien kottoner u poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien jinkludu pjanti u estimi finanzjarji ghad-diskussjoni. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss il-progett propost. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali approva b'mod unanimu l-*masterplan* hekk kif propost.

F'dan l-istadju il-Kunsilliera Melanie Agius harget mis-Seduta ( 8:16p.m.)

9.9.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali memorandum of understanding li kien qieghed jigi propost li jkun iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u Correctional Agency. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji tal-istess MOU li kien qieghed jipproponi illi l-Kunsill Lokali joffri xoghol madwar il-lokalita' lil habsin. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-MOU kellu jigi approvat hekk kif propost.

F'dan l-istadju il-Kunsilliera Melanie Agius dahlet lura ghas-Seduta ( 8:20p.m.)

9.9.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali proposta sabiex l-istess Kunsill Lokali jidhol responsabbli ghall-organizzazzjoni ta' tombla fi Pjazza Santa Margerita. Wara li inqrat il-proposta, bi qbil bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz illi ghal ragunijiet varji il-proposta ma setghetx tigi implimentata min-naha tal-Kunsill Lokali.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier James Cauchi (20:25)

9.9.4 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsilliera gew infurmati b'attivita' ta' team buliding li kien qieghed jigi propost li jittella' mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali. Minhabba attivita' tal-Kunsill Lokali kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat korrispondenza li permezz taghha l-istess assocjazzjoni tigi infurmata illi ma kienx ser ikun possibbli illi l-Kunsill Lokali ikun rapprezentat.

*F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi (20:28)*

*F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 20:28)*

- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal talba sabiex traffic calmer fi Triq il-Pellegrinagg tigi mcaqilqa bi ftit metri ghal ragunijiet ta' sigurta'

*F'dan l-istadju dahal ghas-Seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 20:31)*

*F'dan l-istadju skont art 43(3) tal-att dwar il-Gvern Lokali is-Sindku pproponiet sabiex ikun hemm estensjoni tal-hin tas-seduta u jinqabzu t-tliet sieghat li legalment seduta setghet iddum sakemm mhux stabbilit mod iehor. Kien hemm qbil unanimu mal-proposta tas-Sindku.*

- Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi ma kellux ikun hemm rifuzjoni totali b'konnessjoni ma' talba minn Vassallo Builders Group Ltd. Relatata ma grawnds Peppi Delceppo. Dwar il-materja, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jirrifondi l-ispejjez minn Gunju 2020 sa Ottubru tal-istess sena, liema perjodu kien responsabbli ghalih il-Kunsill Lokali.

**09.10 Attivita' kommemorattiva fl-okkazjoni tat-tliet mitt sena minn meta Bormla inghatat it-titlu ta' belt – Attivitajiet**

09.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi proposti ghal inizjativi li l-Vici-Sindku kien qieghed jipproponi li jidhol ghalihom il-Kunsill Lokali fl-okkazjoni tat-tliet mitt sena minn meta Bormla inghatat it-titlu ta' Belt. Hija stiednet lis-Sur Agius sabiex jispjega fid-dettall il-proposti bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun jista' jiehu d-decizjonijiet rispettivi. Wara li l-Vici-Sindku spjega fid-dettall il-proposti, u wara diskussjoni libera dwar l-istess proposti, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-istess Kunsill Lokali kellu jordna numru ta' bolol personalizzati minghand Maltapost plc. Gie deciz ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jordna numru zghir ta' A5 3 gate folders minghand l-istess Maltapost plc, filwaqt li kellha ssir analizi tas-suq b'konnessjoni ma' proposta li kienet tara l-bank Centrali ta' Malta jimmanufattura numru ta' muniti kommemorattivi ghall-okkazjoni.

**9.11 European Mobility Week 2021**

9.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif propost waqt l-ahhar seduta, kienet tfasslet applikazzjoni b'konnessjoni mal-European Mobility Week 2021 liema attivita' kienet ser tkun qieghda tinzamm fuq bazi nazzjonali f'Settembru 2021. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lill-Kunsillier Johann Scerri sabiex jaghti dettalji tal-attivita' li kienet tfasslet. Wara spjega mill-Kunsillier Scerri u diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex tittella' l-attivita' skont l-abbozz imressaq.

9.11.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'rabta mal-istess avveniment, il-Kunsilli Lokali interessati setghu japplikaw sabiex jimplimentaw progetti permezz tal-iskema SUMP. Segwie diskussjoni libera dwar proposti ta' progetti li l-Kunsill Lokali seta' japplika

ghalihom. Finalment, intlehaq qbil illi kellha tinzamm laqgha bejn il-Kunsilliera li matulha kellha tittiehed decizjoni dwar il-materja.

**9.12 Cospicua Short Play Festival 2021**

9.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem sabiex kemm il-darba l-Kunsill Lokali jiddeciedi tittella' r-raba edizzjoni tal-attivita' Cospicua Short Play Festival. Hija sahqet illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda risposta ghal applikazzjoni li kien issottometta sabiex jikseb fondi permezz ta' skema mahruga mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali u ghaldaqstant kienu ghadhom ma gew ikkonfermati ebda servizzi min-naha tal-amministrazzjoni. Is-Sindku ziedet tghid illi madanakollu, kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar jekk kellux jidhol ghall-attivita' irrispettivament mill-ezitu tal-iskema msemmija. Wara diskussjoni qasira, li matulha gie stabbilit illi galadarba l-attivita' kienet diga' giet iffinanzjata mill-istess skema, kien hemm probabilita' kbira illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ikollha ezitu pozittiv, il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu illi l-attivita' kellha tigi organizzata hekk kif ippjanat.

**9.13 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

9.13.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:00 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghad-9 ta' Settembru 2021 fil-5:30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |